# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' il-Hamis 18 ta' Gunju 2020

**Rikors Numru : 221/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AA**

**Vs**

**Avukat Dr. David Camilleri u l-Prokurattrici Legali Melissa Anastasi nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MTT.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AA, datat 26 ta' Awissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewget lil MTT, fit-2 ta' Jannar, 2012, bir-rit Ortodos, f'E.*

2. *Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.*

3. *Illi wara ftit xhur miz-zwieg huma waslu Malta jfittxu l-asil u bdew jghixu flimkien. Imma fl-2013 l-intimat MTT abbanduna lill-esponenti u qata' kull kuntatt maghha.*

4. *Illi l-esponenti saret taf illi f'April 2017 l-intimat MTT telaq lejn l-Istati Uniti tal-Amerika biex jissettilja hemmhekk. Dwar it-tluq tieghu huna qatt ma*

*informaha u kellha ssir taf minn haddiehor. Minn dak in-nhar ‘l hawn l-esponenti qatt ma semghet ahbaru.*

5. *Illi ghalhekk l-esponenti u l-intimat MTT ilhom aktar minn erba’ snin separati de facto u ma hemm l-ebda [rospett ragonevoli li jergghu jirrikonciljaw peress li l-intimat MTT emigra lejn l-Istati Uniti f’April 2017, waqt l-esponenti qeghda tghix f’Malta.*

6. *Illi lanqas hemm kwistjoni ta’ manteniment bejn il-kontendenti stante minn dakinhar li nfirdu hadd ma mantna lil hadd u kulhadd hadem biex mantna lilu nnifsu.*

7. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha li jissodisfaw d-dispozizzjonijiet relattivi tal-Att. XIV tal-2011 dwar id-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Jannar, 2012, f’E.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-Avukat Dr. David Camilleri u l-Prokuratrici Legali Melissa Anastasi nomine, datata 19 ta’ Ottubru 2018, a fol 10 li taqra hekk:

1. *Illi f’dan l-istadju l-kuraturi deputati mhumiex edotti mic-cirkostanzi tal-kaz u jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju ulterjuri. Minn issa qed jidderigu lill-attrici sabiex taghtihom kull informazzjoni li jista’ ghandha sabiex il-kuraturi jkunu jistghu jaghmlu kuntatt ma’ l-assenti MTT.*

2. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar 2020 permezz ta’ liema giet awtorizzata korrezzjoni fir-rikors promotur tal-attrici sabiex it-talba tigi riformulata kif gej:

"*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Jannar 2012 f'E.*
2. *Tiddikjara xjolta tal-komunjoni tal-akkwisti talvolta ezistenti bejn il-partijiet.*"

Rat in-nota prezentata mill-avukat difensur tal-attrici, permezz ta' liema ikkonferma illi huwa iddiskuta mal-attrici il-possibilita ta' rikonciljazzjoni u informaha bil-fakulta ta' separazzjoni personali bhala alternattiva ghad-divorzju, ai termini tal-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**ATA** xehdet a fol 14 *et seqq* illi hija giet Malta flimkien ma' zewgha l-konvenut mill-E fl-2012 u hi u zewgha kienu ghexu flimkien f'Malta ghal xi sena wara li nghataw protezzjoni umanitarja sussidjarja. Qalet illi zewgha kien telaq minn Malta lejn il-bidu tas-sena 2013 and mar l-Istati Uniti ghaliex kien gie rilokat. Qalet illi l-partijiet m'ghandhomx tfal, u li zewgha m'ghamel l-ebda kuntatt maghha minn mindu telaq. Xehdet ukoll illi l-partijiet m'ghandhomx proprjeta komuni, la Malta u lanqas l-E, u dan ikkonsidrat illi huma telqu mill-E bhala *asylum seekers* u gew Malta bil-bahar  b'xejn ghajr l-effetti personali taghhom.

**Amanda Grech,** in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku, xehdet a fol 47 *et seqq* illi mir-ricerka maghmula minnha stess jirrizulta illi z-zwieg tal-partijiet qatt ma gie rregistrat hawn Malta.

**Ikkonsidrat;**

Illi jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu fl-E permezz ta' rit tradizzjonali. Ghalkemm huwa minni li ma gie prodott l-ebda certifikat ta' zwieg li jikkonferma dan, skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici, hija zzewget lil konvenut permezz tar-rit Ortodoss fl-E fit-2 ta' Jannar 2012, meta kellha l-eta ta' sebgha u ghoxrin (27) sena . Il-Qorti taghraf illi skont il-ligi tal-E m'humiex biss iz-zwigijiet civili li huma validi, imma huma wkoll validi iz-zwigijiet iccelebrati permezz ta' riti

religjuzi jew kustomi lokali, u li filfatt dawn huma l-aktar forma ta' zwieg komuni f'dak il-pajjiz.[1] Il-Qorti rat ukoll illi skont il-ligi applikabbli, zwieg iccelebrat skont rit religjuz jew kostum lokali ma jehtieg illi jigi rregistrat mal-Istat sabiex ikun validu, u taghraf illi ghalhekk f'dawn il-kazijiet ma jkunx hemm certifikat taz-zwieg li parti tkun tista' tipproduci bhala prova.[2] Il-Qorti taghraf ukoll illi skont il-ligi tal-Istat E, l-eta minima li ghandhom ikollhom il-kontraenti ta' zwieg hija t-tmintax (18) -il sena.[3]

Il-Qorti taghraf inoltre illi c-cirkostanzi li fihom l-attrici waslet Malta, u cioe bhala *asylum seeker*, huma partikolari fis-sens illi m'huwiex atipiku illi persuna li tkun qed tahrab minn pajjizha sabiex tfittex azil f'pajjiz iehor ma tkunx fil-possibilita illi tiehu maghha d-dokumentazzjoni li ticcertifika l-istat maritali taghha, u sussegwentement jista' jkun impossibli ghaliha li taghmel dan minghajr ma tpoggi lilha nnifsha jew lil familjarji taghha li jkunu ghadhom qed jghixu f'dak il-pajjiz, fil-perikolu.

Il-Qorti rat illi f'kaz simili, fejn il-partijiet kienu wkoll gew Malta bhala *asylum seekers* u ma kellhomx certifikat ta' zwieg x'jipproducu bhala prova tal-istat maritali taghhom, din il-Qorti diversament presjeduta hadet kont tac-cirkostanzi partikolari taghhom, u kkonsidrat sufficjenti ix-xhieda tal-partijiet bhala prova taz-zwieg.[4]

Illi ghalhekk, il-Qorti tqis illi fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-attrici, id-dikjarazzjoni maghmula taht gurament minnha, u mhux kontradetta, li hija zzewget permezz tar-rit Ortodoss fl-E fit-2 ta' Jannar 2012, hija prova sufficjenti tal-istat maritali tal-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-affidavit mhux kontradett tal-attrici, m'hemm l-ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti li jehtieg li jinqasmu.

Il-Qorti rat ukoll r-rikorrenti m'hijiex qed tippretendi manteniment minghand l-intimat, u wkoll illi l-partijiet m'ghandhomx ulied. Il-Qorti rat inoltre illi r-rikorrenti ddikjarat li ma tridx li tigi attribwita htija ghat-tifrik taz-zwieg.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata mill-2013 u cioe ghal aktar minn erba'

---

[1] A. Yohannes Abraha, 'Marriage Law in Eritrea: Types and Methods of Proof' (24 Gunju 2008) 8. Vide wkoll **Judgment of the Single Chamber of 5 July 2017 in the case between [plaintiff], plaintiff, the State Secretary for Security and Justice, defendant,** Court of The Hague, Case no. AWB 16/26926 (5 Lulju 2018) par. 11 – 13.
[2] *Ibid.,* 10.
[3] *Ibid.,* 5.
[4] **A vs Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace noe et,** Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza 30 t'Ottubru 2018.

snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni, ikkonsidrat illi l-partijiet ilhom ma jkollhom kuntatt mill-2013 u mill-informazzjoni li ghandha r-rikorrenti, l-intimat telaq lejn l-Istati Uniti fl-2017.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici kif korretti u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**